Ħbieb il-Kappelli Maltin

# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

Ottubru 2024

Ħarġa Nru 42



Ħbieb il-Kappelli Maltin

***PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta***
*e-mail:* ***hbiebkappellimaltin@gmail.com***
***Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin***

# EDITORJAL

**Kumitat 2024-2025**

**President**
Rita Buhagiar

**Viċi-President**
Miriam Schembri

**Segretarju**
Adrian Schinas

**Teżorier**
Angele Xuereb

**Relazzjonijiet Pubbliċi**
Norbert Gingell

**Korrispondenza**
RoseAnn Mamo

**Amministratur Facebook**
Owen Caruana

**Membru**
Godfrey Mangion

**Fuljett**

**Ġbir ta' informazzjoni:** Norbert Gingell

**Issettjar:** Miriam Schembri

**Għal aktar tagħrif u stejjer fid-dettal dwar il-kappelli żuru s-sit**

***www.kappellimaltin.com***

Ritratt tal-faċċata:

Id-daħla għal knisja tal Mensija

Ritratt: Miriam Schembri

Għeżież Membri u Ħbieb,

Erġajna ser niltaqgħu wara l-waqfa tas-sajf. Kien sajf twil u jaħraq u sħun wisq, biex ma ngħidx iżżejjed.

Matul ix-xhur tas-sajf il-kumitat baqà jaħdem fuq il-kalendarju għax-xhur Ottubru 2024 sa Ġunju 2025. Bħal dejjem issib kull kwalita ta' intopp fejn tkun trid tmur, speċjalment biex jiftħulek l-kappelli. Problema oħra qed tkun li kultant ma ssibx post fejn nistgħu nieħdu t-tè / kafe u l-pastizzi. Bosta każini, u biex taqdi numru kbir ta' 50 ruħ trid tuża każin u mhux ħanut tax-xorb, qed jużaw il-bar tagħhom bħala restorant u mhux dejjem qed jaċċettawna. Kull għajnuna minn naħa tagħkom tkun apprezzata.

Aktar informazzjoni dwar l-attivitajiet għal Ottubru, Novembru u Diċembru ssibuhom fiċ-ċirkolari li tinħareġ ma kull ħarġa tal-fuljett.

Narawkom daqt.

*N. Gingell*

*Għal Kumitat*



Membri tal-Għaqda waqt żjara fil-kappella tal-Mensija San Ġwann

# Kappelli taħt l-art

## Miġja ta' San Pawl f'Malta

Bil-wasla ta' San Pawl f'Malta fis-sena 60 WK b'riżultat tan-nawfragju tax-xini li kien qed jieħdu lejn Ruma nżeret il-fidi tal-Kristjaneżmu. Nafu li San Pawl u kull persuna oħra li kienu fuq il-vapur ġie milquh mill-Prinċep ta' Malta, Publju, u li damu 3 xhur fi gżiritna, u li San Pawl fejjaq lil missier Publju. It-tradizzjoni orali tgħid li San Pawl u sħabu ġew milquha fl-inħawi hekk imsejjħa ta' **San Pawl Milqi**, f'Burmarrad, waqt li fil-**Wardija**, fejn hemm il-kappella ta' San Ġwann tal-Ħereb, kien x'aktarx jgħix missier Publju. Sakemm dam Malta kien joqgħod fil-**grotta** fir-Rabat li kienet tiġi barra s-sur tal-belt Rumana

**Għerien u Kappelli Taħt l-art – Trogloriti**

Maż-żmien hekk kif in-numru ta' Nsara kiber, sabiex jinqdew aktar nies għaċ-ċelebrazjoni ewkaristika, l-għerien u katakombi ġew mibdula f'kappelli. Kif tispjega Dr Charlene Vella, tad-Dipartiment tal-Arti fl-Univ ta' Malta, dawn il-kappelli fl-għerien jissimbolizzaw id-Dfin u l-Qawmien ta' Sidna Ġesu Kristu. Dawn huma magħrufa bħala kappelli **TRIGOLOTIĊI**, li ġejja mill-Grieg li tfisser "ħofra" jew "għar". Dawn il-kappelli huma żvilupp interessanti arkejoloġiku fl-istorja tal-kultura nisranija. Parti ġebel, parti skultura, fihom elementi li juru l-ħila tal-artisti u skulturi Maltin, hekk li dawn jissuperaw kappelli fl-għerien li jinsabu madwar il-Mediterran għal kwalita ta' dekor sabiħ li fihom, bi skultura fil-ġebel u ħitan kuluriti. Ġeneralment kienu l-patrijiet eremiti li bdew l-użanza tal-użu reliġjuż għat-talb u meditazzjoni f'għerien naturali li maż-żmien intużaw mill-Insara bħala postijiet ta' qima.



Naraw issa numru ta' kappelli Trigolotiċi li ġew żviluppati f'Malta bejn is-seklu 4 u is-seklu 15 W.K., b'notamenti qosra. Din m'hiex xi lista finali minħabba li jista jkun hemm oħrajn li jew ma instabux għalkemm iddokumentati jew inbiddlu għal kollox għal xi skop agrikoli li ma jintagħrfux. Lanqas il-lista m'hija mibnija b'mod kronologiku.

# Kripta ta' Sant'Agata
# Ir-Rabat

Minħabba il-persekuzzjoni li kien jagħmel l-Imperatur Ruman Trajanus Decius (AD 249-251) kontra l-Insara, Agata, flimkien mal-ħbieb tagħha ħarbu minn Sqallija u ġew Malta. Il-kripta ġiet imkabbra fis-seklu 4-5WK. Dan is-sit hu eżempju ta' kif l-ewwel kien post ta qima reliġjuża li mbagħad ngħaqad mal-katakombi biex jilqgħa aktar Nsara. Wieħed isib mat-30 xbieha impinġija mal-ħitan, 13 jirrappreżentaw lil Sant'Agata waqt li l-kumplament juru Isqfijiet, Qaddisin, diversi martri u l-Verġni Marija.





# Abbatija tad-Dejr
# Ir-Rabat

Hu mifhum li dan il-post ġie użat minn xi eremiti fil-15-il seklu. Abbatija ġejja mill-kelma *abbazia*, monasteru, waqt li Dejr tfisser generalment ambjent monastiku Kristjan. Dan jagħmel sens billi hemm evidenza arkejologika li hemm oqbra Kristjani tat- 3 u 4 seklu WK.





# Għar San Niklaw
# Il-Mellieħa

Dan l-għar jinsab xi 180 metru il fuq mill-baħar. Jinsab bejn il-wied tal-Għadira u dak ta l-Imtarfa. Dan l-għar jissemma ukoll minn Mons Dusina. Maġemb dan l-għar kienu joqgħodu n-nies flimkien mal-annimali tagħhom. Instabu xi traċċi ta' *stucco* ta' kulur aħmarċ ċar, li juri li setgħa kien hemm tpinġijiet mal-ħajt.





# Santa Maria Madalena, in-Niedma
# Ir-Rabat

Din il-kripta darba kienet katakombi imma maż-żmien inbidlet f'kappella, iddedikata lil Santa Marija Madalena, imsejħa n-Niedma. Tinżel ghaliha bit-taraġ. Tinsab taħt iz-zuntier tal-knisja ta' San Pawl.

Hu smat li din il-kripta hija tat-3 Seklu WK. u hija l-unika waħda li għada teżisti min ħafna oħrajn fl-istess inħawi, barra l-Grotta ta' hekk imsejħa ta' San Pawl. Filwaqt li Mons Dusina jsemmiha fiż-żjara teigħu, sa 90 sena ilu dn il-kripta kienet minsija. Fi żmien il-gwerra dan l-għar serva bħala shelter.







# Tal-Mensija, San Ġwann

Din il-knisja kienet oriġinarjament waħda trogloditika, jigifieri knisja fil-blat, kif parzjalament għadha sa llum. Inbniet fl-1572, seba' snin wara t-tmiem tal-Assedju l-Kbir minn ċertu Ġwanni Micallef minn Birkirkara. Dan kellu l-obbligu li minn fuq għalqa li kienet tmiss mal-istess knisja, u li kienet propjeta' tal-istess Micallef, jagħmel fiha l-għasar lejlet u quddiesa nhar il-festa.

Għal aktar informazzjoni aktar dettaljata dwar din il-kappella, ara l-ħarġa tal-Fuljett Nru 35 ta' Diċembru 2023.





# Għar San Pietru u San Brinkat
# Il-Għargħur

Fil-limiti bejn in-Naxxar u l-Għargħur, fejn jissejjaħ Ġebel Pietru, jinstabu żewġ għerien. L-iżgħar għar hu identifikat ma' San Pietru. Dan ġie mmsemmi minn Mons Pietro Dusina. Il-preżenza ta' *stucco* mal-ħitan juri li l-ħitan kellhom xi tpinġijiet. L-għar l-ieħor, xi ftit il-bogħod, hu dak li jġib l-isem ta San Brancatus jew San Brinkat/ Brincat. Iż-żewġ għerien wisq probabli kienu jservu bħala ċentri ta monastiċiżmu Siculo-Grieg. L-isem Brincato jista jirreferi għal Pancratius ta' Taormina, li kien dixxiplu ta' San Pietru.





# Madonna tal-Għar
# Ir-Rabat



Skont it-tradizzjoni, għal ħabta tas-sena 1400 il-Madonna dehret lil xi kaċċatur ġo għar. Dan l-għar maż-żmien sar kappella, u nbiet knisja u kunvent għal patrijiet Dumnikani. Fis-sena 1999 xi devoti kienu raw dmuħ tad-demm ħiereġ u nieżel iċarċar ma wiċċ l-istatwa tal-Madonna.

*Informazzjoni miġbura minn N Gingell minn diversi kotba u sorsi oħra.*

*Ritratti: N Gingell u mill-internet.*



